**SWIEQI LOCAL COUNCIL**

**LAQGĦA KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-MADLIENA LI SARET NHAR IL-ĦAMIS 7 TA' APRIL 2011 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| **F.S.** | **FRANK SALT** | **CHAIRPERSON** |
| **M.A.** | **MARYANNE ABELA** | **VIĊI CHAIRPERSON** |
| **W.F.** | **WALLACE FARRUGIA** | **MEMBRU** |
| **A.C.** | **ALEX CHETCUTI** | **MEMBRU** |
| **A.P.** | **ANNA PARIS** | **MEMBRU** |
| **C.S.** | **CARMEN SAID** | **SINDKU** |

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1. Il-minuti tas-Seduta numru 9 ġew approvati.
M.A ipproponiet u W.F issekonda.

**HUGH ZAMMIT**
**EXECUTIVE SECRETARY**

**FRANK SALT**
**CHAIRPERSON**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1 W.F. staqsa jekk sarux il-kuntatti mall-Pulizija dwar il-ħajt perikoluż fi Triq il-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu kiteb lill-Ispettur Trevor Micallef u anki għamel kuntatti ma' l-Ispettur Bernard Spiteri mid-distrett tan-Naxxar. Minn informazzjoni is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-sidien ġew infurmati.

2 W.F. ssuġerixxa li jsiru Traffic calmers fi Triq il-Madliena. Il-Kumitat qabel u għalhekk talab biex issir l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

**Triq il-Bir**

3 W.F. nforma li Triq il-Bir tlestiet u ġiet ferm tajba. Hu nforma li saru xi olterazzjonijiet mill-pjanti oriġinali pero' dawn ġew aċċettati tajjeb kemm mill-MEPA kif ukoll mir-residenti.

4 W.F. nforma li saret laqgħa fuq il-post fejn ser isiru xi bankini ġodda. Il-Kumitat ġie nfurmat li dawn ix-xogħlijiet ser isiru mill-ħaddiema tad-distrett (tal-Gvern) li se jibdew għal nofs Mejju 2011 .

**Budget 2011**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-budget għas-Sena 2011. Ġie spjegat l-ammont ta' kull fond. Ġie spjegat ukoll li l-fondi kollha huma diga allokati fuq kuntratti u għaldaqstant ma jirriflettux surplus li jista jintefaq fuq servizzi jew kuntratti ġodda.

Il-Kumitat ideċieda li dwar il-budget ippreżentat ikun aħjar li ssir laqgħa mad-Direttur għall-Gvern Lokali. F' din il-laqgħa ser tiġi diskussa il-possibilta' ta' aktar fondi. Ġie deċiż ukoll li l-laqgħa pubblika ssir fil-Madliena Cottage u ssir wara l-laqgħa tad-direttur.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**FRANK SALT**
**CHAIRPERSON**

**Offerti**

5 A.C. ppreżenta analiżi ta' l-offerta tal-bankijiet ta' l-injam li ser jiġu allokati fil-Madliena. Hu nforma li l-aktar offerta vantaġġuża hija dik tal-Gvern minħabba li dawn il-bankijiet huma maħduma b'materjal iroku li jifilħu kemm għax-xita u anki għax-xemx. Għaldaqstant hu ssuġerixxa li għandhom jintagħżlu dawn it-tip ta' bankijiet. Il-Kumitat qabel unanimament mas-suġġeriment u għaldaqstant intagħżel l-offerta ta' MSD.

6 M.A. staqsiet jekk kienitx waslet xi risposta dwar id-devoluzzjoni ta' l-art tal-Medical Stores f' Ta' Stronka. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li waslet biss acknowledgment.
Il-Kumitat talab biex issir reminder.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30p.m. u sar aġġornament għal Hamis 5 ta' Arpil 2011 fil-5.00p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**FRANK SALT**
**CHAIRPERSON**